EUROPOL

DEĊIŻJONI TAD-DIRETTUR TAL-EUROPOL

tad-29 ta' Marzu 2016

li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 li taqbel mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Europol rigward taxxi applikabbli għas-salarji u l-emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol

(2016/C 282/03)

ID-DIRETTUR TAL-EUROPOL,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija ("Europol") tas-6 ta' April 2009 ([1]) (minn hawn 'il quddiem "Id-Deċiżjoni tal-Europol") u b'mod partikolari l-Artikolu 57(5), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 63 tagħha;

Wara li kkunsidra l-Protokoll imfassal fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 41(3) tal-Konvenzjoni tal-Europol, dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Europol, il-membri tal-korpi tagħha, id-Deputati Diretturi u l-impjegati tal-Europol ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 li taqbel mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Europol rigward taxxi applikabbli għas-salarji u l-emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol ([3]);

Billi:

1. Skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol, ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol ([4]) u strumenti rilevanti oħra għandhom ikomplu japplikaw għall-membri tal-persunal li mhumiex irreklutati f'konformità mal-Artikolu 57(2) tad-Deċiżjoni tal-Europol.

2. L-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol jipprevedi li, b'deroga mill-Kapitolu 5 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol, ir-rata perċentwali tal-aġġustament annwali tar-remunerazzjoni deċiża mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ([5]) għandha tapplika għall-persunal tal-Europol.

3. L-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol jikkonċerna biss elementi ta' rimunerazzjoni tal-persunal kif imsemmi fil-Kapitolu 5 (Artikoli 43 sa 55) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol u ma jestendix għal taxxi applikabbli għal salarji u emolumenti mħallsa lill-membri tal-persunal tal-Europol soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol.

4. Fid-dawl tal-proċedura emendata prevista fl-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol li tikkonċerna l-aġġustament tar-rimunerazzjoni, l-Artikolu 3a tal-Anness għad-Deċiżjoni msemmija qabel tal-Bord Amministrattiv tas-16 ta' Novembru 1999 jagħti s-setgħa lid-Direttur tal-Europol biex b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 u fuq bażi annwali minn dakinhar, jemenda l-valuri msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness, bl-istess perċentwal bħal dak applikat skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol.

5. L-aġġustament annwali ta' rimunerazzjoni previst fl-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol ġie implimentat mill-Europol b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2011 ([6]) skont iċ-ċifri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 422/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom ([7]).

([1]) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
([2]) ĠU C 221, 19.7.1997, p. 2.
([3]) ĠU C 65, 28.2.2001, p. 6.
([4]) Att tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għall-impjegati tal-Europol (ĠU C 26, 30.1.1999, p. 23).
([5]) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).
([6]) Avviż dwar l-aġġustament tas-salarji bażiċi u l-benefiċċji applikabbli għall-persunal tal-Europol soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol skont l-Artikolu 57(5) tal-Kunsill b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-1 ta' Lulju 2012, l-1 ta' Lulju 2013 u l-1 ta' Lulju 2014 (ĠU C 282, 4.8.2016, p. 6).
([7]) ĠU L 129, 30.4.2014, p. 5.

6. L-aġġustament annwali ta' rimunerazzjoni previst fl-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol ġie implimentat mill-Europol b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2012 ([8]) skont iċ-ċifri stabbiliti fir- Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom ([9]).

7. L-aġġustament annwali ta' rimunerazzjoni previst fl-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol ġie implimentat mill-Europol b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2013 ([8]) skont iċ-ċifri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1416/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jaġġusta l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 ([10]).

8. L-aġġustament annwali ta' rimunerazzjoni previst fl-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol ġie implimentat mill-Europol b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2014 skont iċ-ċifri stabbiliti fl-Aġġornament annwali tat-12 ta' Diċembru 2014 tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għar-rimunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea ([11]).

9. It-taxxa applikata għall-membri tal-persunal tal-Europol soġġetta għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol għandha tiġi emendata sabiex tirrifletti l-aġġustament tar-rimunerazzjoni applikat skont l-Artikolu 57(5) tad-Deċiżjoni tal-Europol,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011:

— Il-valuri msemmija fl-Artikolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999, kif aġġornati bid-Deċiżjoni tad-Direttur tal-Europol tat-18 ta' April 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 ([12]), huma applikabbli.

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Lulju 2012:

— Il-valur imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandu jiġi sostitwit b'EUR 121,45.

— Il-valuri f'euro msemmija fit-tabella inkluża fl-Artikolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej.

8 % għall-ammonti ta' bejn EUR 122,42 u EUR 2 156,39

10 % għall-ammonti ta' bejn EUR 2 156,40 u EUR 2 970,10

12,5 % għall-ammonti ta' bejn EUR 2 970,11 u EUR 3 403,88

15 % għall-ammonti ta' bejn EUR 3 403,89 u EUR 3 865,63

17,5 % għall-ammonti ta' bejn EUR 3 865,64 u EUR 4 299,45

20 % għall-ammonti ta' bejn EUR 4 299,46 u EUR 4 719,95

22,5 % għall-ammonti ta' bejn EUR 4 719,96 u EUR 5 153,75

25 % għall-ammonti ta' bejn EUR 5 153,76 u EUR 5 574,25

27,5 % għall-ammonti ta' bejn EUR 5 574,26 u EUR 6 008,04

30 % għall-ammonti ta' bejn EUR 6 008,05 u EUR 6 428,55

32,5 % għall-ammonti ta' bejn EUR 6 428,56 u EUR 6 862,35

35 % għall-ammonti ta' bejn EUR 6 862,36 u EUR 7 283,52

40 % għall-ammonti ta' bejn EUR 7 283,53 u EUR 7 717,35

45 % għall-ammonti ta' iktar minn EUR 7 717,36

([8]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6.
([9]) ĠU L 129, 30.4.2014, p. 12.
([10]) ĠU L 353, 28.12.2013, p. 24.
([11]) ĠU C 444, 12.12.2014, p. 10.
([12]) ĠU C 211, 5.7.2014, p. 13.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha mid-Direttur.

Magħmula fl-Aja, id-29 ta' Marzu 2016.

Rob WAINWRIGHT

Direttur tal-Europol